MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 462/2014

**Fl-atti tal-mandat sekwestru kawtelatorju bin-numru 762/14 fl-ismijiet:**

**Marco Aquilina [ID 105069M] f 'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Innovative Entertainment Ltd [C36023]**

**vs**

**Ottavio Suda [lD 12575M] u Suda Entertainments Ltd [C43427]**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Ottavio Suda f'ismu propju u ta' Joseph Suda [ID 351243M] ghan- nom u in rapresentanza ta' Suda Entertainments Ltd tas-27 ta'Mejju, 2014 li jaqra hekk:

*"Illi s-sekwestranti intavolaw mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghall-ammont ta'€ €37,744.94 [sebgha u tletin elf, sebgha mija erbgha u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu], liema kawzali ghal hrug tal-mandat huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi preliminarjament, u minghajr pregudizziu jigi ecceppit li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika ta' kwalunkwe natura bejn Suda Entertainments Ltd u s- sekwestranti, u ghaldaqstant, anke ghal din ir-raguni biss, il-mandat kontra Suda Entertainements Ltd ghandu jigi revokat minnufih.*

*llli ghal kull buon fini, Ottavio Suda jiddikjara li assolutament m'hemm l-ebda bilanc dovut lis-sekwestranti.*

*Illi fid-dawl tal-kawzali msemmija fl-imsemmi mandat, ossia '...bilanc li ghadu dovut mis-sekwestrati in linea ta' ftehim li permezz tieghu kien gie assenjat, favor taghom,parti minn negozju li kien gestiti mill-kumpannija sekwestranti, senjatament l-istabbiliment 'Heat' gewwa Pinto Wharf Valletta Waterfront, Valletta', liema kawzali tant huma astratti u minghajr bazi legali li s-Sekwestrati m'ghandux aktar x'jissotometti f'dan l-istadju, u qieghed minn issa jirriservaw l-posizzjoni taghhorn li jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm il-kaz. Dan anke in vista' tal-fatt li tali kawzali m'humx xejn aktar milli invenzjoni tas-sekwestranti bl-animu li jaghmlu hsara lil Sekwestrati, kif filfatt ghamlu permezz tal-hrug tal-imsemmi mandat.*

*Illi ghalhekk ai termini ta' l-Art. 836 (1) (d) tal-Kap. 12 l-ammont mitlub mhux prima facie gustifikat stante li bazat fuq kawzali inesistenti;*

*Illi ghal istess ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti huma ta' l-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti ghanda tikkundanna lis-Sekwestranti ihallsu penali a tenur ta' l-Art. 836 (8) (c) u (d) tal-Kap.12 ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.*

*Illi a tenur ta' l-Art. 836 (8) (d) tal-Kap. 12 t-talba tas-Sekwestranti hija wahda li saret b'malizja u hija frivola u vessatorja peress il-kawzai tas-sekwestrant huma fittizji ghal kollox.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti umilment u bir-rispett jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

1. *tirrevoka ghal kollox jew in parte l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern;*

2. *tikkundanna lis-Sekestranti ihallsu is-Sekwestrati dik il-penali li joghgoba tiffissa ai termini ta' l-Art 836 (8) (c) u (d)tal-Kap.12;*

3. *tordna a tenur ta' l-artikolu 838A tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta lis-Sekwestranti jaghtu fi zmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti garanzija xierqa ghall-hlas ta' danni u imghax, u f'kaz li l-ewwel talba tigi michuda u l-garanzija hawn imsemmija ma jithalsux, tnehhi l-att kawtelatorju;*

*Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk necessarji ghat-thassir tal-mandat odjern kontra r-rikorrenti, b'riserva ghal kull jedd ta' danni u imghaxijiet jew ghal kull jedd iehor spettanti lill-esponenti kontra l-imsemmija Sekrestanti skond il-ligi.”*

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-28 ta’Mejju 2014 li bih ordnat notifika tal-istess lill-kontro parti bi zmien ta’ sebghat (7) ijiem ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal-10 ta’Gunju 2014, fil-11.15;

Rat illi l-atti tar-rikors promotorju, digiret u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lil-kontro parti skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-10 ta’ Gunju 2014 ta’ Marco Aquilina (I.D. 105069 M) f’ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta'Innovative Entertainment Ltd (C 36023) ghar- rikors ta' Ottavio Suda f’ismu proprju u ta' Joseph Suda (I.D. 351243 M) ghan-nom u in rapprezentanza ta'Suda Entertainments Ltd (C 43427)tas-27 ta’ Mejju 2014 li taqra hekk:

*“ILLI, permezz tar-rikors promotorju taghhom, r-rikorrenti qieghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, fost ohrajn, "tirrevoka ghal kollox jew in parte l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern" u dan, principlament, ghaliex:*

I. ***"ma hemm l-ebda relazzjoni guridika ta'kwalunkwe natura bejn Suda Entertainments Ltd u s-sekwestranti";***

**II.** ***"Ottavio Suda jiddikjara li assolutament m'hemm l-ebda bilanc dovut lis-sekwestranti";***

**III.** ***"tali kawzali m'huma xejn aktar milli invenzjoni tas-sekwestranti".***

*ILLI, kontestwalment ma' din ir-risposta, l-esponenti qieghdin jesebixxu kopja tar-rikors guramentat, fl-istess ismijiet fuq premessi (***DOK: AA***), minn fejn jirrizulta illi:*

**I.** *Ir-relazzjoni guridika bejn Suda Entertainments Ltd u l-esponenti tirrizulta ampjament mill-ftehim tal-24 ta' Gunju 2008, anness mar-rikors guramentat imsemmi, li* **permezz tieghu il-kumpannija esponenti Innovative Entertainment Ltd** ***assenjat il-kirja li hija kienet tgawdi fuq l-istabbiliment maghruf bhala "Heat", gewwa Pinto Warf, Valletta Waterfront, Valletta, favur l-istess Suda*** **Entertainments Ltd** *wara li n-negozju tal-kumpannija esponenti inqasam skond is-sehem rispettiv ta l- kontendenti ;*

**II.** *Ir-rikorrenti kienu qablu u accettaw, u konsegwentement wieghdu u obbligaw ruhhom, li jkunu unikament responsabbli ghall-passiv kollu li kellha l-kumpannija esponenti in konnessjoni mal-gestjoni tal-istabbiliment in kwistjoni, inkluz ghad-debitu mal-HSBC Bank Malta p.l.c., naxxenti minn kont numru 061-157053-301,* ***tant illi l-istess rikorrenti ghamlu snin shah jaghmlu pagamenti akkont ta' dan l-istess debitu, sakemm waqfu jaghmlu dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi, liema debitu, nhar l-20 ta'Mejju 2014, kellu zbilanc ta'€ €37,744.94, ossija l-ammont indikat fil-mandat kawtelatorju odjern, kif jirrizulta mir- rendikont tal-HSBC Bank Malta p.l.c. anness mar-rikors guramentat imsemmi;***

**III.** *Ir-rikorrent Ottavio Suda* ***kien Direttur tal-kumpannija esponenti sal-4 ta' Jannar 2008, u ghadu azzjonist minoritarju sal-gurnata tallum****.*

*ILLI l-esponenti sinceramant ma jistghux jifhmu kif ir-rikorrenti qieghdin jipprovaw jattakkaw il-mandat kawtelatorju odjern billi jsostnu, testwalment u semplicement, illi s-suespost kollu huwa "invenzjoni" tal-esponenti !!*

*ILLI l-esponenti jissottomettu umilment illi, fil-fehma umli taghhom, ma hemm l- ebda raguni valida fil-ligi ghaliex il-mandat ta'sekwestru kawtelatorju odjern ghandu jigi revokat, in parte jew in toto, u wisq u wisq anqas ghaliex l-esponenti ghandhom jigu kkundannati jhallsu penali, jew joffru xi gara nzija xierqa ghall-hlas ta'danni u imghax, lir-rikorrenti, u dan anke tenut kont tal-fatt illi* ***l-fatti li fuqhom huwa msejjes il-mandat kawtelatorju odjern, kif hawn fuq esposti, ghandhom jirrizultaw biss, f'din l-istanza, fuq bazi prima facie;***

*ILLI, f'dan ir-rigward, l-esponenti jaghmlu umli referenza ghad-digriet ben motivat dan din l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta, fl-ismijiet* ***Melita Mobile Ltd. (C 35794) vs. John Azzopardi (I.D.623760M) jinnegozja taht l-isem Movies Electronics*** *(148/2014), tal-20 ta' Marzu 2014, li fih giet kwotata gurisprudenza estensiva fir-rigward, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti sostniet testwalment:*

> *llli fid-digriet fl-ismijiet "**Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et**" tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor lmhallef Dr. R. C. Pace**, u "**Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et**" tad-**29 ta' Novembru 2001** per **Onor lmhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll:*
>
> > *"li mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propjo bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*
>
> *Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet "**Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti**" tas- **27 ta'Gunju 2002** per **Onor lmhallef Dr. R. C. Pace** inghad:*
>
> > ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le,***

> ***peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil- procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" - P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa lnvestments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

> *Vide ukoll ("**Yorkie Clothing lndustry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" tat-**30 ta ' Mejju 2002** per **Onor lmhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll **"John Zarb vs Port Cottonera Ltd"** tas-**16 ta' Settembru 2002** per **Onor lmhallef Dr. T. Mallia**).*

*ILLI, fil-fehma umli tal-esponenti, ghandu jirrizulta car, u certament fuq bazi prima facie, illi, effettivament, tezisti relazzjoni guridika, ossija kontrattwali, bejn ir-rikorrenti Suda Entertainments Ltd u l-esponenti, illi fadal bilanc dovut mir-rikorrenti skond ir-rendikont imsemmi taI-HSBC Bank Malta p.l,c., u li dan kollu assolument m'huwiex invenzjoni tar-rikorrenti, izda huwa ben dokumentat u spejgat;*

*ILLI, in vista tas-suespost, l-esponenti huma tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha taghddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom;*

*TANT ghandhom l-unur iwiegbu l-esponenti ghal gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi prodotti minn Ottavio Suda f'ismu proprio u f'isem is-socjeta' Suda Entertainments Limited, l-istess Suda a fol. 38 et seq. ddikjara bil-gurament illi bejnu u bejn

Marco Aquilina jew Innovative Entertainment Limited ma kien hemm ebda relazzjoni guridika u li ghaldaqstant kellu jigi revokat is-Sekwestru Kawtelatorju 762/2014 minnufih.

Muri Dok. C, Ottavio Suda ikkonferma illi permezz ta' dan il-kuntratt huwa ha il-kirja ta' tal-*club / resautant* "Heat Bar and Diner" Vault 16 GF Pinto Wharf Floriana, minflok Innovative Entertainment Limited. Huwa ikkonferma illi meta kien jahdem ma Innovative Entertainment Limited, huwa kellu 1.5% *shareholding* f'din il-kumpanija, kien Direttur izda sussegwentement gie mnehhi min din il-kariga minn Marco Aquilina, Direttu ta' Innovative Entertainment Limited.

In segwitu ta' dan il-kuntratt tal-24 ta' Gunju 2008 Dok. C, Suda Entertainments Limited bdiet tigestixxi l-*club* "Heat Bar and Diner" wahedha. Mistoqsi, Ottavio Suda jghid illi Suda Entertainments Limited tappartjeni lil missieru Joseph Suda. Ottavio Suda ikkonferma wkoll illi Suda Entertainments Limited ma kienitx *share holder* ta' Innovative Entertainment.

Ottavio Suda baqa' jinsisti li huwa kien impjegat ta' Suda Entertainments Limited **u ma kellu ebda sehem mill-profitti ta' din il-kumpanija**. Mistoqsi dwar il-*loans* ta' Innovative Entertainment Limited u kif dawn inqassmu bejn Suda u Marco Aquilina, **Suda jghid li ma jiftakarx,** u ftakar biss f'*loan* dwar xi bicca art. Mistoqsi jghid allura kif baqa' ihallas il-pagamenti tal-*loan* illi kienet hadet Innovative Entertainment biex tigestixxi "Heat Bar and Diner" **Suda jirrispondi li ma jiftakarx**. Muri Dok. D sensiela ta' *bank transfers* ghar-*re-payments* fuq il-*loan facility* moghtija ghall-gestjoni ta' "Heat Bar and Diner", **Ottavio Suda jghid li ma jafx bihom** – vide fol. 43.

Mix-xhieda tieghu, Marco Aquilina, Direttur ta' Innovative Entertainment a fol. 47 et seq. iddikjara li kien huwa li rawwem lil Ottavio Suda li kien beda jahdem mieghu bhala *accounts clerk*, tlettax (13) –il sena ilu u li flimkien kienu kabbru in-negozju. Fis-sena 2007 kellhom dizgwid u ddecidew illi jaqsmu il-*business*. Ghalkemm Ottavio Suda kellu biss 1.5 % shareholding f'Innovative Entertainment, Marco Aquilina tah negozju shih u cioe' il-*club* Heat. Huwa stqarr illi kieku kien veru illi Suda kellu biss 1.5 % shareholding, huwa kien jaghtih ammont zghir ta' flus u ikompi bil-gestjoni tal-*club*. Mhux hekk sar, izda bil-ftehim tas-24 ta' Gunju 2008, Innovative Entertainment kienet itterminat il-kirja u cediet l-istess kirja lil Ottavio Suda. Marco Aquilina xhed illi sa dak iz-zmien huwa kellu fiducja' ceka f'Ottavio Suda u m'ghaddielux minn mohhu li dan ser jittradih u jiffrima ghan-nom ta' Suda

Entertainments Limited. Huwa xhed illi Suda kien gie l-ufficcju u talbu jaghmilu pjacir jiffirmalu l-kuntratt malajr u hekk kien ghamel. Marco Aquilina xehed li kienu saru zewg *meetings* quddiem l-uficcjali gholja tal-bank, **Dennis Gravina HSBC u Joseph Micallef Banik Bank u Brian Baldacchino, *Manager* li kienu xhieda tal-ftehim illi bih Ottavio Suda assuma r-responsabbilta' ghal-passiv tal-*club* Heat kif ukoll ghall-attiv. Illi Aquilina xehed illi Suda kien ilu jaghmel pagamenti ghal diversi snin fuq il-passiv tal-*club* Heat**. Il-loan in kwistjoni kienet ta' erbghin elf liri Maltin (Lm40,000) li minnhom ingibdu sitta u ghoxrin elf u sit mija liri Maltin (Lm23,600). Illum il-gurnata baqa sebgha u tletin elf Ewro (€37,000).

Aquilna xhed illi minhabba li Ottavio Suda u l-mara tieghu kienu ghaddejin minn separazzjoni personali, u kien ghalhekk illi Suda kien talbu biex jibqa' kollox f'isem Aquilina. Nelfrattemp pero kull *bank transfer* li jidher **f'Dok. D gie mhallas minn Ottavio Suda/ Suda Entertainments Limited.**

Pierre Brincat, *Commercial Relations Manager* HSBC **ikkonferma illi d-depoziti illi saru wara s-sena 2008 fuq il-facilita' moghtija lil *club* Heat, *account number* 011131018001 saret minn Suda Entertainments Limited u dan** minn effett tal-10 t'**Awwissu 2008** sas-6 ta' Novembru 2013. Pierre Brincat ezebixxa dawn il-*bank transfers* u cioe' HSBC 1 minn fol. 65 sa 70.

Fit-tieni xhieda tieghu Pierre Brincat informa lil Qorti li fiz-zmien lilu moghti, huwa ma kellux zmien illi jsib dak li gie mitlub minnu.

Marco Aquilina xhed illi meta kienu gew ghall qasma, huwa kien kellem lill-Ottavio Suda u kien talbu jghidlu liema proprjetajiet xtaq u jekk kien lest illi jidhol ghall *loan* ta mija u disghin elf Liri Maltin (Lm190,000), Suda kien irrispondih li ma kienx jiflah ghal din il-*loan*. Aquilina spjega illi Suda baqa' jhallas il-*loan* rigwardanti il-*club* Heat sa Novembru 2013 u kien biss meta Suda kien naqas li jkompli jhallas il-*loan facility* illi Aquilina gie mgharraf mill-bank.

Aquilina ipprezenta Dok. MAX li hija lista ma messaggi mibghuta minn Ottavio Suda lilu u minnu lil Ottavio Suda. L-Avukat difensur tar-rikorrenti oggezzjona ghal dan id-dokument.

Il-Qorti taghraf illi gia ladarba dawn il-messaggi ma gewx konfermati minn raprezentant tas-Server li rceviehom u trasmettihom, id-Dok. MAX m'huwiex ammissibbli bhala prova.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-istess **artikolu 836(1)(d)** jipprovdu li:-

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> ***(a) sa (c) Omissis***
>
> ***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;"***

**Ikkonsidrat:**

Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll:

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-***

> ***ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi fuq prodotti jirrizulta sodisfacentement ipprovat almenu sal-grad tal-*prima facie,* illi bejn Marco Aquilina ghan-nom ta' Innovative Entertainment Limited u Ottavio Suda, li kien *shareholder* ta' Innovative Entertainment Limited u Ottavio Suda ghan-nom ta' Suda Entertainments Limited , mhux biss kien hemm relazzjoni guridika izda kien hemm relazzjoni f'negozju u *shareholding* tal-kumpanija li tmur lura ghal diversi snin. Illi jirrizulta almenu sal-grad ta' *prima facie* illi dan in-negozju gie xolt u li Ottavio Suda nghata n-negozju li jiggestixxi "Heat Bar and Diner" fuq liema stabbiliment kien hemm *loan* li minnha baqa' jithallas ftit aktar minn sebgha u tletin elf Ewro (€37,000) (minn erbghin elf Maltin (Lm40,000)) . In segwitu tal-kuntratt tal-24 ta' Gunju 2008, **jidher car illi Suda Entertainments Limited baqghet konsistentement taghmel il-hlas ta' din il-*loan facility*. Dan gie konfermat pjenament minn Pierre Brincat *Manager*, f' HSBC.** Ghalhekk jidher illi almenu sal-grad tal-prima facie l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju huwa gustifikat, u m'huwiex eccessiv.

Ghalhekk il-Qorti, in vista ta' dana kollu, ma tista' bl-ebda mod takkolji t-talba ghar-revoka in kollox jew in parti tal-Mandat Kawtelatorju 762/2014. In vista tac-cahda ghar-revoka ta' dan il-mandat, din il-Qorti taghraf illi it-talba ghal hlas tal-penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(c) (d) tal-Kapitolu 12, hija nsostenibbli. Bl-istess manjiera il-Qorti tqis illi m'hemmx lok li l-Qorti taghti xi garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------